



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2012/2323(INI)

5.9.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar segwitu dwar id-delega ta' setgħat leġiżlattivi u l-kontroll mill-Istati
Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-
Kummissjoni
(2012/2323(INI))

Rapporteurs għal opinjoni: Werner Kuhn u Saïd El Khadraoui

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li t-tiswir tar-regoli fl-Unjoni Ewropea jsir ukoll f'livell aktar baxx mil-livell leġislattiv, f'atti li jiżviluppaw u jimplementaw atti leġislattivi u li huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tat-Trattat biex jiġi garantit livell suffiċjenti ta' leġittimità demokratika għal dawn l-atti wkoll;
2. Jenfasizza li l-atti ddelegati u ta' implimentazzjoni għandhom ikunu limitati għal kwistjonijiet ta' natura purament teknika u/jew amministrattiva: is-suġġetti politiċi għandhom ikunu riżervati għal proċedura ta' kodeċizzjoni demokratika u trasparenti, aċċessibbli għaċ-ċittadini Ewropej.
3. Ifakkar li skont l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat, l-atti ddelegati u l-atti ta' implimentazzjoni jservu ħtiġijiet differenti u għalhekk wieħed ma jistax jiġi sostitwit għall-ieħor; iqis li d-delinjament tal-atti ddelegati u tal-atti ta' implimentazzjoni, kif ukoll l-għażla korretta u l-aktar xierqa tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-att bażiku, huwa kwistjoni politika importanti li għandha tiġi indirizzata u diskussa fi stadju bikri fit-tnejn tal-abbozzi tar-rapporti leġislattivi mir-rapporteurs u mix-shadow rapporteurs bil-għajnuna tas-Segretarjati tal-Kumitati u, b'mod partikolari, tas-Servizz Legali;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi sett ta' kriterji interistituzzjonali preċiżi għall-użu ta' atti ddelegati u ta' implimentazzjoni, inklużi mekkaniżmi ta' reviżjoni, u abbażi tad-diversi stadji tat-teħid ta' deċizzjonijiet li jwasslu għal dawn l-atti.
5. Jenfasizza d-diffikultajiet li kulma jmur qed jikbru li qed jiffaċċja l-Parlament fin-negozjar mal-Kunsill bħala riżultat tal-fatt li l-Kunsill m'għandux ir-rieda li jikkunsidra l-użu tal-atti delegati u l-fatt li, għalkemm is-soluzzjoni tal-inklużjoni fl-att bażiku tal-elementi kollha meħtieġa biex jitħalla biss l-użu tal-atti ta' implimentazzjoni tista' tkun għażla ġuridikament soda, dan l-approċċ jista' jkun estremament diffiċli f'xi każijiet, pereżempju fis-setturi fejn it-teknoloġiji għadhom qed jiġu żviluppati, u f'ħafna każijiet jista' jwassal għal biċċiet ta' leġislazzjoni li mhumiex konformi mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-UE; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjana tat-Trattati, tissodisfa l-impenji tagħha skont l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat ta' Lisbona u tappoġġja bis-sħiħ lill-Parlament fid-difiża tad-drittijiet tiegħu waqt in-negozjati mal-Kunsill;
6. Jemmen li, sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tar-rapporteurs tiegħu fin-negozjati leġislattivi, għandu jsir aktar rikors għall-possibbiltà li tintalab opinjoni mingħand il-Kumitat għall-Affarijiet Legali skont l-Artikolu 37a tar-Regoli ta' Proċedura;
7. Jesprimi t-ħassib tiegħu dwar l-eżerċizzju ta' allinjament fil-kuntest attwali tal-ostilità tal-Kunsill lejn l-użu ta' atti ddelegati, peress li dan jista' jkun li jwassal biex il-Parlament jitlef id-drittijiet tiegħu ta' kontroll u skrutinju, li kieku l-miżuri ta' proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) kellhom isiru atti ta' implimentazzjoni f'biċċiet tal-leġislazzjoni li jkunu

importanti u politikament sensittivi, bħalma huma dawk relatati mas-sigurtà; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jimxu skont it-Trattat u l-għanijiet tiegħu u jggarantixxu l-kontroll demokratiku permezz tad-drittijiet tal-Parlament fuq l-atti ddelegati;

8. Jenfasizza li f'ħafna oqsma ġuridiċi, bħalma hu t-trasport, il-kwestjonijiet li għall-ewwel jidhru li huma x'aktarx tekniċi jistgħu jinvolvu għażliet politiċi li jgħibu magħhom konsegwenzi importanti; għalhekk jenfasizza li bil-għan li tiġi żgurata l-leġittimità demokratika fil-proċess kollu tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, il-Parlament għandu jingħata ħila esperta suffiċjenti biex jeżerċita d-drittijiet ta' skrutinju tiegħu b'mod indipendenti;
9. Jenfasizza l-importanza tal-involvement tal-Parlament fil-fażi preparatorja tal-atti ddelegati, minħabba li l-eżerċizzju korrett tal-iskrutinju tal-Parlament fir-rigward tal-atti ddelegati jista' jkun diffiċli mingħajr segwitu adegwat għall-fażi preparatorja tagħhom u l-ħila esperta meħtieġa biex jiġi vvalutat il-kontenut tagħhom, minħabba ż-żmien u r-riżorsi limitati pprovduti għall-iskrutinju tagħhom fil-livell ta' Kumitat;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jiġi pprovdut l-istess livell ta' informazzjoni u trasparenza kemm lill-esperti nazzjonali kif ukoll lill-esperti tal-Parlament;
11. Jinsisti li, fil-kuntest tal-allinjament ta' wara Lisbona ta' att leġiżlattiv, dawk il-miżuri li qabel kienu soġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom isiru atti ddelegati pjuttost milli atti ta' implimentazzjoni, sakemm ma jkunx eċċezzjonalment ġustifikat;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Michael Cramer, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Keith Taylor, Patricia van der Kammen, Dominique Vlasto, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Phil Bennion, Spyros Danellis, Michel Dantin, Geoffrey Van Orden, Janusz Władysław Zemke